31997R2288

19.11.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 315/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2288/97
tat-18 ta' Novembru 1997
li jipprovdi l-i*standards* tal-*marketing* għat-tewm

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi t-tewm huwa elenkat f'L-Anness I mar-Regolamnet (KE) Nru 2200/96 bħala wieħed mill-prodotti li għalihom għandhom jiġu adottati *standards*; billi r-Regolament tal-Kunsill Nru 10/65/KEE tas-26 ta' Jannar 1965 li jistabbilixxi l-i*standards* komuni tal-kwalità għat-tewm [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolamnet tal-Kummissjoni (KE) Nru 888/97 [3], ġie emendat numru ta' drabi u m'għadux legalment ċar;

Billi r-regoli interessati għandhom jiġu abbozzati mill-ġdid u r-Regolament Nru 10/65/KEE jiġi mħassar; billi, għar-raġuni tat-trasparenza fis-suq dinji, għandhom jitqiesu l-i*standards* għat-tewm irrakkommandati mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa;

Billi, sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ fit-tewm, l-i*standards* Komunitarji dwar il-preżentazzjoni tal-prodott għandhom jiġu simplifikati sabiex dawn isiru anqas restrittivi mill-i*standards* internazzjonali rakkommandati mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa;

Billi l-applikazzjoni ta' l-i*standards* għandha telimina l-prodotti ta' kwalità fqira mis-suq, tidderieġi l-produzzjoni tat-tewm sabiex tissodisfa l-ħtiġiet tal-konsumatur u tiffaċilita l-kummerċ fuq il-bażi ta' kompetizzjoni imparzjali, u b'hekk tgħin sabiex jittejjeb il-qligħ;

Billi l-i*standards* japplikaw fl-istadji kollha tal-kummerċ; billi t-trasport fuq distanzi kbar, il-ħażna għal ċertu perjodu taż-żmien u t-tqandil li l-prodott jgħaddi minnu jistgħu jirriżultaw f'xi deterjorazzjoni minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodott u l-fatt li l-prodott jeħżien; billi għandha titqies din id-deterjorazzjoni meta l-i*standards* jiġu applikati fl-istadji tal-*marketing* wara d-dispaċċ; billi, ġaladarba l-prodotti fil-klassi "*Extra*" iridu jiġu magħżula u jiġu ppakkjati b'attenzjoni speċjali, għandha tiġi permessa konċessjoni biss għal xi telf ta' freskezza u n-nefħa tiegħu;

Billi l-miżuri pprovvduti f' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitati tal-Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex ta' l-Ikel Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-i*standards* tal-*marketing* tat-tewm li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 0703 20 00 għandhom ikunu dawk kif iddikjarati fl-Anness ta' ma' hawn.

2. L-i*standards* għandhom japplikaw fl-istadji kollha tal-*marketing* skond il-kondizzjonijiet stabbliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Fl-istadju ta' wara d-dispaċċ, madankollu, il-prodott meta mqabbel ma' l-i*standards* jista' juri:

— telf żgħir tal-freskezza u n-nefħa,

— deterjorazzjoni ħafifa fil-każ tat-tewm fi klassijiet oħra għajr l-"*Extra*", minħabba l-izvilupp tal-prodott u l-fatt li jeħżien.

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 10/65/KEE huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta'Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Novembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU C 19, tal-5.2.1965, p. 246/65.
[3] ĠU L 126, tas-17.5.1997, p. 11.

ANNESS

L-IS*TANDARDS* GĦAT-TEWM

I. ID-DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* japplika għat-tewm tal-varjetajiet (varjetajiet imnissla bil-kultivazzjoni) imkabbra mill-*Allium sativum L.* Li jrid jiġi fornit lill-konsumatur frisk [1], nofsu niexef [2] jew niexef [3], bl-esklużjoni tat-tewm aħdar bil-weraq sħaħ u s-snien mhux żviluppati u t-tewm għall-proċessar industrijali.

II. ID-DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KWALITÀ

Il-għan ta' l-i*standard* huwa sabiex jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità tat-tewm wara t-tħejjija u l-pakkjar.

A. **Il-Ħtiġiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranza permessa, l-irjus iridu jkunu:

— sodi; il-prodott affettwat mit-taħsir jew id-deterjorazzjoni hekk illi ma jibqax tajjeb għall-konsumtant irid jiġi eskluż,

— prattikament ħielsa mill-insetti ta' ħsara,

— prattikament ħielsa mill-ħsara kkawżata mill-insetti tal-ħsara,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kull materjal barrani viżibbli,

— qawwija,

— ħielsa mill-ħsara kkawżata mill-ġlata jew mix-xemx,

— ħielsa min-nebbieta viżibbli minn barra,

— ħielsa mill-irtubija anormali fuq barra,

— ħielsa minn kull riħa u/jew togħma barranin [4].

L-izvilupp u l-kondizzjoni tat-tewm għandhom ikunu hekk illi jippermettu:

— li jkun jiflaħ għat-trasport u t-tqandil, u

— li jasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad- destinazzjoni.

B. **Il-Klassifika**

It-tewm huwa kklasifikat fi tliet kategoriji definiti hawn taħt:

(i) *il-Klassi "Extra"*

It-tewm f'din il-klassi għandu jkun tal-kwalità superjuri. Irid ikun karatteristiku tal-varjetà u/jew tat-tip kummerċjali [5].

L-irjus iridu jkunu:

— sħaħ,

— ta' għamla regolari,

— imnaddfa sewwa.

Iridu jkunu ħielsa mid-difetti, bl-eċċezzjoni ta' tbajja' ħfief superfiċjali, sakemm dawn ma' jaffetwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

Is-snien iridu jkunu kompatti:

Il-għeruq tat-tewm niexef iridu jiġu maqtugħa eżatt mar-ras.

(ii) *il-Klassi I*

It-tewm f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Irid ikun karatteristiku tal-varjetà u/jew tat-tip kummerċjali [5].

L-irjus iridu jkunu:

— sħaħ,

— ta' għamla regolari mhux ħażin.

[1] "Tewm frisk" ifisser prodott b'zokk "aħdar" u bil-qoxra ta' barra tar-ras għadha friska.
[2] "Tewn nofsu niexef" ifisser prodott biz-zokk u l-qoxra ta' barra tar-ras mhux niexfa għal kollox.
[3] "Tewm niexef" ifisser prodott li fih iz-zokk, il-qoxra ta' barra tar-ras u l-qoxra madwar kull sinna niexfa għal kollox.
[4] Din id-disposizzjoni ma' tipprekludix riħa u/jew togħma speċifiċi kkawżati mill-fumigazzjoni.
[5] Din id-disposizzjoni ma' tipprekludix kulur differenti minħabba l-fumigazzjoni.

Madankollu, id-difetti ħfief li ġejjin jistgħu jkunu permessi sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità fiż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

— qsim ħafif fil-qoxra ta' barra tar-ras.

Is-snien iridu jkunu raġjonevolment kompatti

(iii) *il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi t-tewm li ma jikkwalifikax għalbiex jiġi inkluż fil-klassijiet superjuri, iżda jissodisfa l-ħtiġiet minimi msemmija hawn fuq.

Jistgħu jiġu permessi d-difetti li ġejjin, sakemm it-tewm iżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu rigward il-kwalità, il-kwalità fiż-żamma u l-preżentazzjoni:

— qsim fil-qoxra ta' barra jew partijiet nieqsa mill-qoxra ta' barra tar-ras,

— ġrieħi mfejqa,

— tbenġiliet ħfief,

— għamla irregolari,

— sa tliet sinniet nieqsa.

III. ID-DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-GĦOTI TAD-DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit skond id-dijametru massimu tas-sezzjoni ekwatorjali.

(i) Id-dijametru minimu huwa iffissat għal 45mm għat-tewm ikklassifikat fil-klassi *"Extra"* u għal 30 mm għat-tewm ikklassifikat fil-klassijiet I u II.

(ii) Għat-tewm ippreżentat sinna sinna — biz-zkuk maqtugħin — jew bil-qatta, id-differenza fid-dijametru bejn l-iżgħar u l-ikbar ras fl-istess pakkett ma' tistax tkun aktar minn:

— 15 mm meta d-dijametru tal-iżgħar ras huwa anqas minn 40 mm,

— 20 mm meta d-dijametru tal-iżgħar ras huwa 40 mm jew aktar.

IV. ID-DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGARDAW IT-TOLLERANZA

Huma permessi tolleranzi rigward il-kwalità u daqs f'kull pakkett, jew kull lott meta t-tewm jiġi ppreżentat sinna sinna, għall-prodott li ma' jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi indikata.

A. **It-Tolleranza fil-Kwalità**

(i) *il-Klassi "Extra"*

5 % fl-użin tat-tewm li ma' jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi iżda li jissodisfa dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jidħol fit-tolleranza ta' din il-klassi.

(ii) *il-Klassi I*

10 % fl-użin tat-tewm li ma' jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi iżda li jissodisfa dawk tal-Klassi II jew, eċċezjonalment, li jidħol fit-tolleranza ta' din il-klassi. F'din it-tolleranza, mhux aktar minn 1 % fl-użin ta' l-irjus jista' jkollhom is-snien b'nebbieta li tidher minn barra.

(iii) *il-Klassi II*

10 % fl-użin tat-tewm li ma jissodisfa la l-ħtiġiet tal-klassi u lanqas il-ħtiġiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodott imħassar jew attakkat mill-ġlata jew mix-xemx, jew kull deterjorazzjoni oħra li tirrendih mhux tajjeb għall-konsum.

B'żieda ma' din it-tolleranza, mhux aktar minn 5 % fl-użin ta' l-irjus jista' jkollhom snien b'nebbieta li tidher minn barra.

B. **It-Tolleranza fid-Daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 % fl-użin tat-tewm li ma' jissodisfax il-ħtiġiet rigward il-għoti tad-daqs u d-daqs indikat iżda li jikkonforma mad-daqs immedjatament ikbar u/jew iżgħar minn dak speċifikat. F'din it-tolleranza, mhux iktar minn 3 % ta' l-irjus jista' jkollhom dijametru iżgħar mill-minimu speċifikat iżda mhux inqas minn 25 mm.

V. ID-DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI

A. **L-Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett, jew ta' kull lott tal-prodott ippreżentati bil-massa, iridu jkun uniformi u jikkonsistu biss f'tewm ta' l-istess oriġini, varjetà u tip kumerċjali, kwalità u daqs (jekk ikun mogħti d-daqs).

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett, jew tal-lott ippreżentat sinna sinna, għandhom ikun rrapreżentattivi tal-kontenut kollu.

B. **L-Ipakkjar**

Bl-eċċezzjoni tat-tewm niexef li jiġi ppreżentat f'qatet twal, li jista' jinġarr bil-massa (imgħobbi direttament f'vettura tat-trasport), it-tewm irid ikun ippakkjat hekk illi l-prodott jiġi protett sewwa.

Il-materjali wżati ġewwa l-pakkett iridu jkunu ġodda, nodfa u tal-kwalità hekk illi jevitaw kull ħsara minn ġewwa jew fuq barra lill-prodott. Huwa permses l-użu tal-materjali b'mod partikolari l-karta jew it-timbri, li jġorru l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali, sakemm l-istampar jew it-tikkettjar ikunu saru b'żebgħa jew b'linka mhux tossiċi.

Il-pakketti, jew il-lottijiet tal-prodott ippreżentati bil-massa, iridu jkunu ħielsa minn kull materjal barrani.

Ċ. **Il-Preżentazzjoni**

It-tewm irid jiġi ppreżentat kif ġej:

(i) waħda waħda fil-pakkett, biz-zkuk maqtugħin, bit-tul taz-zkuk li ma jaqbiżx:
— l-10 ċm fil-każ tat-tewm frisk u nofsu niexef,
— it-3 ċm fil-każ tat-tewm niexef;

(ii) f'qatet skond:
— in-numru ta' l-irjus,
— l-użin nett.

Iz-zkuk għandhom ikunu maqtugħa invellati daqs xuxlxin;

(iii) fil-każ tat-tewm niexef u nofsu niexef biss, f'qatet twal skond:
— numru ta' l-irjus, fejn irid ikun hemm mill-inqas sitt irjus f'kull qatta,
— l-użin nett.

Fil-każ tal-preżentazzjoni f'qatet jew qatet twal, kull pakkett għandu jkollu karatteristiċi uniformi (fin-numru ta' l-irjus jew fl-użin nett).

Irrispettivament mit-tip tal-preżentazzjoni, iz-zkuk iridu jkunu maqtugħa b'mod nadif, bħal kif għandhom ikunu maqtugħa l-għeruq fil-każ tat-tewm niexef ikklassifikat fil-klassi "*Extra*".

VI. ID-DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-GĦOTI TAL-MARKA

Kull pakkett irid iġorr il-partikolaritajiet li ġejjin, f'ittri miġbura fuq l-istess naħa, immarkati b'mod li jinqraw u b'mod li ma jitħassrux, u li jidhru minn barra.

Għat-tewm f'qatet twal ittrasportat bil-massa (imgħobbi direttament f'vettura), il-partikolaritajiet għandhom jidhru fuq dokument li jakkumpanja l-oġġetti, u mwaħħal f'pożizzjoni fejn jidher ġewwa l-vettura tat-trasport.

A. **L-Identifikazzjoni**

Il-persuna li tippakkja u/jew li tiddispaċċja l-prodott: L-isem u l-indirizz u/jew l-marka tal-kodiċi maħruġa jew aċċetata uffiċjalment. Madankollu, fil-każ meta tiġi wżata marka ta' kodiċi, trid tiġi indikata r-referenza "il-pakkjatur u/jew id-dispaċċjatur (jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti)" qrib il-marka tal-kodiċi.

B. **In-Natura tal-prodott**

— It-"Tewm frisk", it-"tewm nofsu niexef" jew it-"tewm niexef" jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra.

— L-isem tal-varjetà jew tat-tip kummerċjali ("tewm abjad", "tewm roża", eċċ.).

— "Iffumigat", meta approprjat.

Ċ. **L-Oriġini tal-prodott**

Il-pajjiż ta' l-oriġini u, b'għażla, id-distrett fejn ikun ġie mkabbar il-prodott, jew l-isem tan-nazzjon, tar-reġjun, jew tal-lokal.

D. **L-Ispeċifikazzjonijiet Kummerċjali**

— Il-Klassi

— Id-daqs (jekk ikun mogħti daqs) espress bħala l-minimu u l-massimu tad-dijametri ta' l-irjus.

E. **Il-Marka tal-kontroll uffiċjali** (bil-għażla)